# IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-24 ta' Marzu 2011 — Canga Fano vs Il-Kunsill**

**(Kawża F-104/09)** [1]

***("Servizz pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2009 — Deċiżjoni li ma tingħatax promozzjoni — Eżami komparattiv tal-merti — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Rikors għal annullament — Rikors għad-danni")***

(2011/C 160/42)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Diego Canga Fano (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues u C. Bernard-Glanz, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u K. Zieleśkiewicz, aġenti)

### Suġġett

Annullament tad-deċiżjoni tal-konvenut li ma jinkludix lir-rikorrent fil-lista tal-persuni promossi għall-grad AD 13 fil-proċedura ta' promozzjoni 2009.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *D. Canga Fano għandu jbati l-ispejjeż kollha.*

[1] ĠU C 37, 13.02.2010, p. 51.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-13 ta' April 2011**

**Ioannis Vakalis vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża F-38/10)** [1]

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Pensjoni — Trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba fil-Greċja għall-iskema tal-pensjoni ta' uffiċjali tal-Unjoni — Kalkolu tas-snin pensjonabbli — Eċċezzjoni ta' illegalità dwar id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Prinċipju ta' trattament ugwali — Prinċipju ta' newtralità tal-euro)***

(2011/C 160/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Ioannis Vakalis (Luvinate, l-Italja) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Martin u J. Baquero Cruz, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Likwidazzjoni tad-drittijiet individwali li tiffissa d-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrent fil-kuntest tat-trasferiment tagħhom għall-iskema tal-Unjoni.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud, parzjalment, bħala inammissibbli u parzjalment, bħala infondat.*

(2) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati, barra l-ispejjeż tagħha stess, nofs l-ispejjeż ta' I. Vakalis.*

(3) *I. Vakalis għandu jbati n-nofs tal-ispejjeż tiegħu stess.*

[1] ĠU C 209, 31.07.2010, p. 54.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-4 ta' April 2011 AO vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-45/10)** [1]

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Miżura dixxiplinarja — Tneħħija minn pożizzjoni — Artikolu 35 (1)(d) u 2(a) tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat)***

(2011/C 160/44)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* AO (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: M. Schober, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti J. Currall u J. Baquero Cruz, aġenti)

### Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni CMS 07/046 li tneħħi lir-rikorrent mill-pożizzjoni tiegħu mingħajr tnaqqis mill-pensjoni b'effett mill-15 ta' Awwissu 2009 u għall-annullament tad-deċiżjonijiet kollha meħuda kontra r-rikorrent minn Settembru 2003 sat-tneħħija mill-pożizzjoni tiegħu kif ukoll, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.